DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2006/784/KE fir-rigward tal-formula ta' metodu awtorizzat għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Franza

(notifikata bid-dokument C(2013) 3437)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2013/282/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) [1], u partikolarment l-Artikolu 43(m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/784/KE tal-14 ta' Novembru 2006 li tawtorizza l-metodi għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali fi Franza [2], ġie awtorizzat l-użu ta' seba' metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Franza.

(2) Franza talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza s-sostituzzjoni tal-formula użata fil-metodu "CSB Image-Meater" għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fuq it-territorju tagħha billi l-metodu preżenti ta' klassifikazzjoni kellu bżonn adattament tekniku. Franza ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni li tindika l-prinċipji li fuqhom hija bbażata din il-formula l-ġdida, ir-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni u l-ekwazzjoni użata biex issir stima tal-perċentwal ta' laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom [3].

(3) Eżami ta' dik it-talba żvela li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' din il-formula ġdida huma ssodisfati. Din il-formula għandha għalhekk tiġi awtorizzata fi Franza.

(4) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2006/784/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni ma għandhomx jiġu permessi, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/784/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOȘ

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 318, 17.11.2006, p. 27.
[3] ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3.

ANNESS

Fil-Parti 6 (CSB Image-Meater) tal-Anness mad-Deċiżjoni 2006/784/KE, il-punti 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Is-CSB Image-Meater jikkonsisti partikolarmenti minn vidjowkamera, kompjuter mgħammar b'kard għall-analiżi tal-immaġni, skrin, printer, mekkaniżmu użat għall-kmand, mekkaniżmu għar-rata u sistemi ta' interazzjoni. L-erba' varjabbli tal-Image-Meater jitkejlu kollha fuq il-linja ta' diviżjoni; il-valuri mkejla jiġu ttrasformati f'estimu tal-perċentwali ta' dgħif minn unità ċentrali.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$\hat{Y} = 60{,}12 - (0{,}487 \times G3) - (0{,}133 \times G4) + (0{,}111 \times M3) + (0{,}036 \times M4)$$

fejn:

$\hat{Y}$ = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat fil-karkassa,

G3 — l-iċken ħxuna tax-xaħam (inkluża l-ġilda) fuq il-muskolu *gluteus medius* (f'millimetri),

G4 — il-ħxuna medja tax-xaħam (inkluż il-ġilda) tul l-erba' vertebri lumbari (imsejħa Va, Vb, VC, Vd) (f'millimetri),

M3 — l-iċken ħxuna tal-muskolu bejn l-estremità anterjuri tal-muskolu *gluteus medius* u l-parti dorsali tal-kanal tal-mudullun (f'millimetri),

M4 — il-ħxuna medja tal-muskolu tul l-erba' vertebri lumbari (imsejħa Va, Vb, VC, Vd) (f'millimetri).

Din il-formola għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 45 u 125 kilogramma."